

Brussell, 6 ta' Frar 2024
(OR. en)

6230/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0033(NLE)

TRANS 46

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	ANNEX to COM(2024) 58 final
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja għall-istabbiliment tar-Reġistru Internazzjonali għall-Vetturi Ferrovjarji u fl-1 sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument ANNEX to COM(2024) 58 final.

Mehmuż: ANNEX to COM(2024) 58 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.2.2024
COM(2024) 58 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Propostal għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja għall-istabbiliment tar-Reġistru Internazzjonali għall-Vetturi Ferrovjarji u fl-1 sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji

ANNESS

1. INTRODUZZJONI

L-ewwel sessjoni tal-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 ("il-Protokoll tal-Lussemburgu") ser issir fit-8 ta' Marzu 2024, eżatt wara t-12 u l-aħħar sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja li ser issir fis-7 ta' Marzu 2024.

2. KOMPETENZA TAL-UE

L-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti għall-Protokoll tal-Lussemburgu. Fir-rigward tal-punti tal-aġenda ta' din il-laqgħa fejn l-Awtorità Superviżorja se tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) TFUE — jiġifieri l-Partiti tal-Aġenda 3 (sa fejn jikkonċerna l-approvazzjoni tal-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja), 4, 8 u 9, l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklużiva.

3. KUMMENTI DWAR L-PUNTI TAL-AĠENDA TAL-1 SESSJONI TAL-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA

Il-Punt 3 tal-Aġenda — L-istabbiliment tal-Awtorità ta' Sorveljanza (li għandu jiġi kkunsidrat taħt il-Punt 5 tal-Aġenda tat-12-il sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja):

Approvazzjoni tal-Istatuti tal-Awtorità Superviżorja

<i>Dokument(i):</i>	
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>Pożizzjoni:</i>	Favur l-approvazzjoni u l-adozzjoni tal-abbozz tal-Istatuti, soġġett għall-emenda li ġejja: Fl-Artikolu 2 (Kompożizzjoni): emenda tal-paragrafu 2 biex jaqra: "Is-sħubija tagħha hija determinata skont l-Artikolu XII (1) (a), (b) u (c) tal-Protokoll".

Stabbiliment tar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità ta' Sorveljanza

<i>Dokument(i):</i>	
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>Pożizzjoni:</i>	Favur l-approvazzjoni u l-adozzjoni tal-abbozz tar-Regoli ta' Proċedura, soġġett għall-emendi li ġejjin: Fl-Artikolu 1 (Definizzjonijiet): emenda tad-definizzjoni ta' "Maġġoranza Kwalifikata" biex tinqara "għall-ewwel sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, maġġoranza sempliċi tal-voti kemm (a) tar-rappreżentanti tal-Istati Partijiet kif ukoll (b) tal-Membri, u wara maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-Membri"; u temenda d-definizzjoni ta' "Stat Parti" biex tinqara "Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali li rratifikat jew aderixxiet kemm għall-Konvenzjoni kif ukoll għall-Protokoll";

	Fl-Artikolu 4 (Rappreżentanza tal-Membri): emenda tal-paragrafu 3 biex jaqra “Permezz ta’ deroga mill-Paragrafu 1, il-persuna nominata biex tirrappreżenta Organizzazzjoni Reġjonali tista’ teżerċita, fi kwalunkwe laqgħa tal-Awtorità Superviżorja, għadd ta’ voti daqs l-għadd ta’ Stati Membri li huma intitolati jipparteċipaw u jivvutaw f’tali laqgħat. Kull meta Organizzazzjoni Reġjonali teżerċita d-dritt tagħha li tivvota, l-Istati Membri tagħha m’għandhomx jeżerċitaw tagħhom, u bil-maqlub.”
--	---

Punt 4 fl-aġenda — Approvazzjoni tal-Ftehim bejn l-Awtorità Superviżorja u l-OTIF dwar il-funzjonijiet tas-Segretarjat (li għandu jiġi kkunsidrat taħt il-Punt 5 tal-Aġenda tat-12 sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja)

<i>Dokument(i):</i>	
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>Pożizzjoni:</i>	Favur l-approvazzjoni tal-Ftehim

Il-punt 8 tal-Aġenda — Approvazzjoni tar-Regolamenti u l-Proċeduri għar-Reġistru Internazzjonali tal-Vetturi Ferrovjarji u l-pubblikazzjoni tagħhom (li għandha tiġi kkunsidrata taħt il-Punt 6 tal-Aġenda tat-12 sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja)

<i>Dokument(i):</i>	
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>Pożizzjoni:</i>	Favur l-approvazzjoni tar-Regolamenti u l-Proċeduri, u l-pubblikazzjoni tagħhom

Il-punt 9 tal-Aġenda — Approvazzjoni tar-Regoli Mudell kif emendati fil-15 ta’ Novembru 2023 għall-finijiet tar-Regolamenti għar-Reġistru Internazzjonali tal-Vetturi Ferrovjarji

<i>Dokument(i):</i>	
<i>Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot:</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>Pożizzjoni:</i>	Favur l-adozzjoni tar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji